MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 240/2008/1

**Raymond Camilleri u martu Redenta Camilleri**

**vs**

**Touring Mediterraneo Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta’ Gunju, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta’ Frar 2008 fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta’ €2195.67 (elfejn, mija u hamsa u disghin ewro u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti ammont li thallas bhala depositu akkont ghal safra ta’ cruise u flights liema safra kellha tithassar

minhabba raguni serja ta' mard. Bl-ispejjes inkluzi dwak ta l-ittra legali u bl-interessi skond il-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 16 ta' April 2008 fejn ikkontestat it-talba attrici ghal diversi ragunijiet li kienu ser jigu spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kaz u ghalhekk it-talba ghandha tigi respinta.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Ezamina l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra.

Illi waqt it-trattazzjoni l-avukat difensur tas-socjeta konvenuta spjega b'aktar precizjoni il-ghala kienu qed jikkontestaw it-talba attrici.

In sintesi huwa jargumenta s-segwenti:-

1. Ma hemmx spjegazzjoin cara tal-kwantum mitlub fl-ammont ta' €2,195;

2. Skond it-terms and conditions tal-booking form il-cancellation kellha ssir bil-miktub lill-Agent tal-Ivvjaggjar u minhabba tali nuqqas f'dan il-kaz l-atturi tilfu d-dritt li jigu refuzi 20% tal-prezz. Difatti l-ammont ta' 80% tas-somma mhallsa kienet inghatat lura lilhom mill-assikurazzjoni;

3. It-taxxi tal-Airport qatt ma huma soggetti ghal refuzjoni;

4. Il-booking tas-safra kien sar fil-konfront ta' erba' persuni cio' e' l-konjugi atturi, binhom u t-tfajla ta'

binhom ta dak iz-zmien. Difatti is-socjeta konvenuta kienet ghad trid tigbor is-somma ta' Lm800 minn dan il-'booking' u mhux taghti lura;

Illi b'risposta ghall-istess l-abbli difensur tal-atturi jikkontendi li l-'cancellation' relattiva tal-'booking' fil-fatt kienet giet ikkomunikata lis-socjeta konvenuta ghalkemm mhux bil-miktub tant li l-atturi gew irriferuti mill-istess socjeta biex jaghmlu 'claim' mal-assikurazzjoni. Jafferma wkoll li l-atturi qatt ma kienu assumew l-obbligazzjoni ta' hlas fil-konfront tat-tfajla ta' binhom.

Mill-'email' esebita a fol 8 jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet qed talludi li ghalkemm donnhom kienu gia jafu bl-intenzjoni tal-atturi huma qed jikkunsidraw il-'cancellation' relattiva b'mod definittiv minhabba l-ittra tal-assikurazzjoni datata 28 ta' Gunju 2007 u cio' e' data li taqa' entro l-14 il-gurnata qabel it-tluq u kwindi ebda 'refund' ma hu misthoqq hlief ghal taxxi tal-airport liema taxxi jidher li fil-fatt kienu ser jigu mhallsa lura skond ma kif jidher mill-ittra a fol 9 tal-process. Giet esebita wkoll a fol 10 et seq it-'terms and conditions' tal-'booking' fejn hemm indikat sew li l-'cancellation' trid issir bil-miktub lill-agent tal-lvvjaggjar koncernat.

Illi mill-provi prodotti miz-zewg nahat jirrizulta bl-aktar mod ampju li l-atturi kienu kostretti li jikkancellaw il-vjagg in kwistjoni minhabba problemi serji ta' natura medika u ghalkemm huwa minnu li huma ma esprimewx din l-intenzjoni bil-miktub kienu pero' fil-fatt avvicinaw lill-agenzija koncernata biex jinfurmawha b'din l-intenzjoni taghhom hekk kif saru jafu bic-cirkostanzi serji u gravi li laqtuhom. Il-'booking' u d-'deposits' saru fl-14 ta' Dicembru 2006 ghal vjagg programmat ghal Lulju 2007. Xahar qabel ma kellu jitlaq il-vjagg cio' e' ghal habta ta' Gunju 2007 huma hallsu l-bilanc dovut ghal familja ta' l-atturi cio' e' l-genituri u binhom. L-intesa kienet skond l-atturi li l-ex

gharusa ta' binhom kellha thallas ghal rasha. Saru jafu bil-marda li laqtitu l-attur ghal habta ta' Gunju 2007 u difatti huwa gie operat fil-15 ta' Gunju 2007. Malli kienu hargu r-rizultati medici ta' l-attur, l-attrici kienet mill-ewwel marret ghand l-agenzija u meta nformat lill-iskrivana certa Sylvia b'li kien gara, hija wegbitha li f'kazijiet bhal dawn ma hemmx x'taghmel hlief li tikkancella l-vjagg, u hekk ghamlu. In segwitu huma gabru lura parti sostanzjali mill-flus minghand l-assikurazzjoni peress illi kienu hallsu bil-'gold card' u kwindi f'din il-kawza qed jitolbu l-bilanc minghand l-agenzija. Meta nformatha bil-fomm Sylvia ta' l-agenzjija konvenuta, din informathom li kienet ser twegibhom dwar il-'claim' wara li tkellem lill-avukat tas-socjeta, liema twegiba jidher pero' li qatt ma ntbghatet. Skond l-istess atturi l-istess Sylvia qatt ma qaltilhom biex inizzlu r-rapport taghhom bil-miktub sabiex tkun tista' tigi pprocessata t-talba taghhom. L-attrici tispecifika li hija kienet avzat bit-telephone bil-kancellament nhar is-7 ta' Gunju 2007 filwaqt li l-vjagg kien ser jitlaq fl-10 ta' Lulju 2007. Il-booking sar fuq zewg formoli RC1 li jirrigwarda t-tifel tal-atturi u t-tfajla tieghu filwaqt li RC 2 jirrigwarda dak ta' l-atturi. RC 3 hija l-invoice relattiva. Ma hemmx dubbju li l-'booking' sar kollu f'daqqa ghall-erba' minn nies u kwindi anke l-kancellament kien ghal kollha kemm huma. Hija rrilevanti ghas-socjeta konvenuta kif kienu ser ihallsu bejniethom l-atturi u jew jekk l-ex tfajla ta' binhom kienitx sejra thallas ghal rasha jew kienitx ser tkun inkluza maghhom. Fil-fatt l-attrici Redenta Camilleri tafferma li l-assikurazzjoni kienet halsithom lura parti mill-flus li hargu kalkolati fuq erba' minn nies u mhux tlieta. Ma jaghmilx sens imbaghad li fl-istess nifs tghid li l-bilanc ta' Lm800 li kien ghad jonqsu li jhallsu kienu dovuta mill-ex tfajla u mhux minnhom ilkoll. Fil-fatt hija tixhed li kienet qed tiddilja mas-socjeta konvenuta f'isem l-erbgha li huma. Tghid ukoll li filwaqt li l-ewwel depositu sar f'isem l-erbgha, it-tieni pagament sar

f'isem tlieta. Ma hiex ghalhekk kredibbli l-attrici f'din il-parti tax-xhieda taghha.

L-attur Raymond Camilleri jikkonferma li kellhom jikkancellaw il-'cruise' hekk kif sar jaf bil-problema ta' sahhtu. Il-cruise kellu jitlaq fl-10 ta' Lulju 2007 filwaqt li huwa sar jaf ghal habta tas-6 ta' Gunju 2007 u fil-granet immedjati ta' wara huma nformaw mill-ewwel lis-socjeta konvenuta. L-attur jikonferma wkoll li huma kienu hallsu akkont tal-vjagg ghal erba' minn-nies cio' e' ghat-tfajla ta' ibnu wkoll.

Alexander Eminyan Direttur tas-socjeta konvenuta jikkonferma l-'bookings' li kienu saru mill-atturi ghal erba' minn nies fuq zewg 'booking forms' mimlija minn Redenta u Garry Camilleri. Jikkonferma wkoll li ghalkemm f'Gunju 2007, huma gew infurmati bil-fomm li x'aktarx kienu ser jikkancellaw il-vjagg minhabba problemi ta' mard, is-socjeta konvenuta baqghet qatt ma rceviet tali informazzjoni b'mod definittiv bil-miktub kif rikjest mill-kondizzjonijiet tal-booking. Ghalhekk skond hu l-atturi ma ghandhomx il-jedd ta' refund hlief ghat-taxxi tal-arju li jammontaw ghal Lm399.20 fuq erba' persuni. Dawn il-flus pero' ma nghatawx lura lill-atturi peress illi fuq il-kont kien ghad jonqos bilanc ta' Lm822 x'jithallas.

Sylvia Abela li hadet il-'bookings' minghand l-atturi tghid illi hija kienet giet infromata bil-fomm li x'aktarx kellu jigi kkancellat il-vjagg minhabba mard u meta is-sinjura Camilleri staqsietha jekk kienx ser ikun hemm penali, dan ix-xhud rreferiha ghal 'booking conditions'. Aktar tard l-attrici giet infurmata li hija kellha d-dritt ta' refund tat-taxxa ammontanti ghal Lm399.20 li pero' dawn kienu qed jigu akkreditati kontra s-somma bilancjali ta' debitu ta' Lm822. In kontro-ezami tghid li hija giet informata bil-'cancellation' fuq it-telephone f'Gunju 2007 u li hija kienitx spjegat lill-atturi il-kondizzjonijiet tal-'booking form'. Tinnega li kien

hemm xi ftehim li l-bilanc kien ser jithallas minn Joanne Bonavia wahedha. Id-diskors kien li l-erbgha li huma kienu ser ihallsu l-bilanc li halliet Bonavia meta din tal-ahhar tirritorna minn barra.

Illi t-Tribunal jinnota li ghalkemm is-socjeta konvenuta ghandha ragun targumenta li legalment u prima facie jidher li l-atturi ma ghandhomx jedd li jitolbu refuzjoni peress illi l-informazzjoni ma gietx komunikata bil-miktub, tali kondizzjonijiet pero' ma hiex ser tigi applikata b'mod daqshekk restrittiv minn dan it-Tribunal kemm a bazi ta' dak li jinghad fil-ligi tal-Konsumatur fejn hemm spjegat kif f'tali servizzi u jew fil-kummerc ghandu jkun hemm ekwilibriju u bilanc gust bejn il-konsumatur u n-negozjant jew dak li qed jipprovdi s-servizz u kif ukoll pero' a bazi ta' l-ewkita.

Dan it-Tribunal ihoss li l-atturi gew affrontatati bi problema daqshekk serja ma hux gust u ekwu li dawn jigu kkastigati legalment il-ghaliex huma naqsu semplicement li jibghatu l-avviz ta' kancellazzjoni bil-miktub. Jigi osservat ukoll li huma setghu gew moqdija ferm ahjar mill-impjegata tas-socjeta konvenuta fejn f'cirkostanzi simili, kien id-dmir taghha li tispjega lill-klijenti taghha fid-dettal u pass pass x'kellu jsir biex il-vjagg jigi kkancellat minghajr ebda riperkussjonijiet. Huwa minnu wkoll pero' li l-atturi kien ghad fadlilhom ihallsu soma bilancjali ta' €1914.74 u l-fatt li dawn baqghu ma thallsux jimmilita favur taghhom ukoll. Pero' fl-istess hin jinghad ukoll li ma giex ipprovat mis-socjeta konvenuta li huma fil-fatt hargu u kwindi tilfu dan l-ammont ta' €1,914.74 li kienu baqghu ma thallsux. Jinghad ukoll li jinsab inkontestat il-fatt li l-ammont ta' €929.88 huma rekuperabbli mill-atturi tant illi s-socjeta konvenuta kienet gia rceviet lura din ic-cifra.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula ghalhekk dan it-Tribunal ser jasal biex

> jiddeciedi li fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jiehdu lura l-ammont ta’ taxxi fis-somma ta €929.88 filwaqt ghar-rigward is-somma bilancjali ta’ €1,265.79 (cio’ e’ l-ammont mitlub naqqas l-ammotn ta taxxi) qed jigi meqjus bhala gust u ekwu li dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u ghalhekk lill-atturi qed tigi lilhom akkordata lura c-cifra ta’ €632.89 li flimkien ma €929.88 bla taxxi tlahhaq is-somma komplessiva ta’ €1,562.77.
>
> Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, kwindi jilqa t-talba attrici kif u fejn applikabbli ma din id-decizjoni, jillikwida l-ammont ta’ refuzjoni dovut lill-istess atturi fis-somma komplessiva ta’ €1,562.77 (elf, hames mija u tnejn u sittin ewro u sebgha u sebghin centezmu) u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma fuq likwidata fl-ammont ta’ €1,562.77 (elf, hames mija u tnejn u sittin ewro, u sebgha u sebghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza filwaqt li l-ispejjes din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet minnhabba c-cirkostanzi partikolari fuq spjegati.”

Il-kumpanija konvenuta appellat lil din il-Qorti biex titlob ir-revoka tas-sentenza tat-Tribunal bis-sottomissjoni illi, gjaladarba t-Tribunal iddetermina illi legalment l-atturi m’ghandhomx dritt jitolbu r-rifuzjoni ghax il-komunikazzjoni tal-kancellament ma saretx bil-miktub, ma kellux imbaghad jirraguna illi l-kundizzjoni kienet inekwa u ingusta;

Is-socjeta` appellanti tilmenta illi l-kondizzjoni kienet tifforma parti integrali mill-kuntratt u kellha allura tigi applikata irrispettivament mill-motiv tal-kancellament. Tissokta tikkontendi illi fil-kaz in ispecje fejn jezisti kuntratt

li jorbot lill-partijiet minghajr ebda rizervi, ma tista' tidhol ebda konsiderazzjoni ta' ekwita izda biss dak tal-principju *pacta sunt servanda*, u dan ma jistax jigi rez ineffikaci minn tribunal jew qorti;

Din il-Qorti mhix behsiebha tirreplika l-fatti tal-kawza ghaliex dawn huma sew riprodotti fis-sentenza appellata. Invece, ser tillimita ruhha ghall-punt tad-dritt imqanqal bl-aggravju. Jigifieri, jekk ghall-fattispeci kellhiex tipprevali l-kondizzjoni numru 5 tal-"Fly-Cruise Vacations" intestata "Cancellation Fees" li tghid illi "*should the Passenger wish to cancel his/her holiday, for any reason whatsoever, including medical grounds, this must be done in writing to the travel agent*";

Bhala punt ta' tluq jibda biex jigi osservat illi, di regola, fil-konvenzjonijiet ordinarji l-kontraenti jaslu ghall-formazzjoni taghhom, skond il-principji ta' dik il-liberta u awtonomija, bil-partecipazzjoni ta' trattattivi esprimenti l-volonta` negozjali taghhom. Ukoll f'dik il-fazi pre-kontrattwali ghandha parti sinjifikattiva l-bwona fede tal-kontraenti, intiza din bhala dak id-dover li l-partijiet jinformaw lil xulxin b'dawk l-elementi ta' intendiment aktar preciz u ezatt tal-kuntratt li jkun ser isir. Huwa utli li jinghad li f'dan l-istess dover ta' informazzjoni ghandhom ikunu maghrufa u spjegati wkoll kull kawza ta' l-inefficjenza tal-kuntratt jew il-kawzi ta' l-inadempiment tieghu. Ad ezempju, li f'kaz ta' recess jew ta' kancellament il-forma tal-komunikazzjoni trid tkun wahda bil-miktub jew, ukoll, li dak l-ezercizzju ta' recess jew ta' kancellament hu subordinat ghal sopravenjenza ta' qaghda determinata (kaz ta' mard) jew tal-verifika ta' event mhux predeterminat izda individwabbli skond parametru ta' valutazzjoni elastika u ekwa. Huwa dan kollu li, fil-fehma tal-Qorti, jaghti lok ghall-principju *pacta sunt servanda*. Hekk fl-imghoddi kien sahansitra deciz illi "r-regoli li l-kuntratti jigu ezegwiti bil-mod li l-ekwita` tattribwixxi lill-obbligazzjoni assunta mill-kontraenti m'ghandiex tkun kuntrarja ghar-regola l-ohra illi l-konvenzjoni tal-partijiet ghandha jkollha forza ta' ligi bejniethom". Ara "**Felice Gerada -vs- Ettore Pace *et***

***nomine***", Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Dicembru 1938. Dan, s'intendi, fl-ambitu tad-dixxiplina normattiva taht il-Kodici Civili (Artikolu 992);

Dan premess, huwa konvenjenti li jinghad illi minn dak iz-zmien sal-lum il-legislatur Malti haseb taht l-inkalzar tad-Dritt Komunitarju, ghar-ri-valutazzjoni ta' l-imsemmi principju *pacta sunt servanda* bl-introduzzjoni ta' normi specjali ghat-tutela tal-konsumatur, in partikolari fejn si tratta ta' kondizzjonijiet standard prefissati mill-kummercjant u li fihom il-konsumatur ma jkunx ippartecipa ghall-formazzjoni jew imposizzjoni taghhom. *Multo magis*, imbaghad, fejn dawk l-istess kondizzjonijiet ma jkunux kontro-bilancjati kif imiss permezz ta' klawsoli favur il-konsumatur, u jkun jidher apparenti illi jezisti skwilibriju avvers ghall-konsumatur fil-kontrattazjoni mal-kummercjant. Huwa ghal din ir-raguni illi l-legislatur haseb bl-Att ghall-Affarijiet tal-Konsumatur ghall-protezzjoni xierqa fejn fil-kuntratt ikunu jezistu espressjonijiet mhux gusti jew, pjuttost, aktar oneruzi ghall-konsumatur. F'kazijiet bhal dawn il-principju surreferit *pacta sunt servanda* ghandu l-limitazzjoni tieghu. Tant hu hekk illi l-istess legislatur ipprovda li d-determinazzjoni ta' kull kwestjoni jew tilwima ghandha tigi evalwata u deciza skond "kull mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita`" [Artikolu 21 (1), Kapitolu 378] jew, fil-kaz tat-Tribunal specjali adit, "principalment skond l-ekwita`" [para. 7 (1), Kapitolu 380]. Mhux ta' b'xejn illi s-sentenza, issa attakkata bl-appell, tirrikollega ruhha sija ghal-ligi tal-konsumatur, sija ghal-ligi li kkrejat it-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

Ghall-ahjar illustrazzjoni ta' dak hawn fuq accennat, b'sentenza tat-2 ta' Gunju 1998 it-**Tribunal ta' Palermo** (Massima tratta da Foro it. 1999, 1,358) iddecieda illi "*deve essere inibita l'utilizzazione della clausola, contenuta nelle condizioni generali di un contratto di viaggio, in forza della quale, in caso di recesso del consumatore, l'organizzazione puo` trattenere, a titolo di corrispettivo per l'esercizio di tale facolta`, le somme gia`*

*percepite, laddove non sia previsto che, in caso di recesso dell'organizzatore, quest'ultimo versi il doppio delle somme corrisposte dal consumatore*";

Huwa bil-bosta evidenti minn titwila anke sporadika lit-"Terms and Conditions for Fly-Cruise Vacations" esebit a fol. 10 tal-process illi hawn si tratta ta' kondizzjonijiet skond modular prefissat mill-kumpanija appellanti u dwar liema l-atturi kienu ghal kollox privi minn poter kontrattwali. Huwa wkoll evidenti illi fil-maggjor parti taghhom, konsiderati fil-kumpless, dawk l-istess kundizzjonijiet, rigwardati in bazi ghal kriterju generali tas-sussistenza ta' l-iskwilibriju, ghal liema gja saret referenza, jimponu obbligi oneruzi fuq l-atturi. Ara b'ezempju, fost ohrajn, klawsoli 3, 9 u 17 li jirreferu ghal "*non-refundable deposit*", "*Cancellation or curtailment of the Cruise*" u l-"*liability*" tal-kumpanija. Ilkoll kondizzjonijiet abuzivi u vessatorji li certament ma jsibu ebda respons favorevoli fid-dritt komunitarju u dik ta' l-evoluzzjoni gurisprudenzjali tal-Qorti Ewropeja f'materja kontroversa insorgenti minn kuntratti mal-konsumatur. Ara ghal dak li jiswa s-sentenza recensjuri ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Renato Vidal -vs- U.C.I.M. Co. Ltd**", 11 ta' Gunju, 2010 u dik l-ohra qabilha tad-9 ta' Jannar, 2009 fl-ismijiet "**F. Advertising Ltd -vs- Anthony Tabone *et***";

F'din il-prospettiva kien ghal kollox f'loku l-assoggettar da parti tat-Tribunal ghas-sindakar bl-istrument ekwitattiv tal-kwestjoni principali li kellu quddiemu. Ibda biex is-socjeta` appellanti kellha l-obbligu li tavverti espressament lill-atturi fil-mument tal-prenotazzjoni bil-kontenut ta' dawk il-kondizzjonijiet standard, u, jekk dan ma ghamlitux, kif in effetti ma jirrizultax li hekk sar mill-materjal probatorju, li, bl-operat tal-bwona fede oggettiva, u tal-korrettezza, li almenu tavverti lill-atturi bil-htiega li l-kancellazzjoni, komunikata verbalment, kellha ssegwi b'komunikazzjoni bil-miktub. Fiz-zgur, mhux accettabbli lanqas ghal din il-Qorti, ghas-sens tal-gustizzja sostanzjali u tad-dritt ekwitattiv, li l-atturi jigu pregudikati b'mod irreparabbli milli jikkonsegwu d-dritt taghhom ghar-rimbors tal-bilanc tas-

somma minnhom erogata. F’din l-ottika s-sentenza appellata hi gustifikata, u l-aggravju minnha insostenibbli.

Ghal motivi kollha predetti u dawk l-ohra tat-Tribunal, din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-kumpanija appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------